

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/543

tat-3 ta' April 2019

**li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi I, III u IV tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tar-referenzi għal ċerti Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, u tal-inklużjoni tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati intiżi għal dawn il-vetturi (Direttiva Kwadru) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u (f) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE jelenka r-rekwiżiti applikabbli għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi bil-mutur. Dawk ir-rekwiżiti jinkludu l-leġislazzjoni tal-Unjoni u, f'ċertu każijiet, Regolamenti tan-NU adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, li japplikaw fuq bażi obligatorja jew bħala alternattiva għar-rekwiżiti tal-Unjoni.
- (2) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 jelenka r-Regolamenti tan-NU li japplikaw fuq bażi obligatorja fil-kuntest tas-sikurezza ġenerali tal-vetturi.
- (3) Il-listi tar-rekwiżiti applikabbli għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE u l-lista tar-Regolamenti tan-NU li japplikaw fuq bażi obligatorja fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 jiġu aġġornati ta' spiss sabiex jirriflettu l-applikazzjoni, fil-livell tal-Unjoni, ta' rekwiżiti ġodda fir-Regolamenti tan-NU rispettivi.
- (4) Ir-Regolament tan-NU Nru 0 dwar l-Approvazzjoni Internazzjonali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa <sup>(3)</sup> ġie adottat dan l-aħħar fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex jitnaqqsu l-ostakoli għall-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dak ir-Regolament tan-NU, li jinkludu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u biex jiġi pprovdut livell ogħla ta' ċertezza għall-manifatturi tal-vetturi li jfittxu li jiksbu rikonoxximent tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom f'dawk il-Partijiet Kontraenti.

<sup>(1)</sup> ĠUL 263, 9.10.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 200, 31.7.2009, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 135, 31.5.2018, p. 1.

- (5) Huwa xieraq li l-lista ta' rekwiżiti li japplikaw għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi inklużi fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE, kif ukoll il-lista tar-regolamenti tan-NU li japplikaw fuq bażi obbligatorja stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 jiġu aġġornati sabiex jirriflettu l-bidliet introdotti bir-Regolament tan-NU Nru 0.
- (6) It-tabella fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE hija skaduta. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tar-Regolamenti tan-NU, li r-rekwiżiti tagħha huma meqjusa bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE.
- (7) Jenħtieġ ukoll li l-lista tal-informazzjoni għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi li tinsab fl-Anness I u d-dokument ta' informazzjoni fit-Taqsima A tal-Parti I tal-Anness III tad-Direttiva 2007/46/KE jiġu aġġornati b'referenzi għas-Sistema Akustika ta' Twissija tal-Vettura li għandhom jiġu approvati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> jew skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tan-NU Nru 138 <sup>(5)</sup>.
- (8) Ir-Regolamenti Nru 140 <sup>(6)</sup> u Nru 141 <sup>(7)</sup> il-ġodda saru applikabbli mill-1 ta' Settembru 2018. Għandu jingħata ħin biżżejjed biex il-manifatturi jkunu jistgħu jadattaw il-vetturi tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Għaldaqstant, għandu jiġi ċċarat li, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE, daww ir-rekwiżiti japplikaw biss għal tipi ġodda ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà u ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

L-Annessi I, III u IV tad-Direttiva 2007/46/KE huma emendati skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 3*

1. B'effett mill-24 ta' April 2019, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tipi ġodda ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss approvazzjonijiet mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 140.
2. B'effett mill-24 ta' April 2019, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tipi ġodda ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss approvazzjonijiet mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 141.

#### *Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).

<sup>(5)</sup> ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33.

<sup>(6)</sup> ĠU L 269, 26.10.2018, p. 17.

<sup>(7)</sup> ĠU L 269, 26.10.2018, p. 36.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX I

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) It-tabella hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringiela għar-Regolament Nru 10 hija sostitwita b'dan li ġej:

"10	Kompatibbiltà elettromanjetika	Is-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 05	ĠU L 41, 17.2.2017, p. 1	M, N, O";
-----	--------------------------------	---	--------------------------	-----------

(b) ir-ringiela għar-Regolament Nru 16 hija sostitwita b'dan li ġej:

"16	Ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin għat-tfal u sistemi ta' trażżin għat-tfal ISOFIX	Is-suppliment 2 tas-serje ta' emendi 07	ĠU L 109, 27.4.2018, p. 1	M, N (d);
-----	--	---	---------------------------	-----------

(c) ir-ringiela għar-Regolament Nru 34 hija sostitwita b'dan li ġej:

"34	Prevenzjoni tar-riskji ta' nirien (tankijiet tal-karburant likwidu)	Is-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 03	ĠU L 231, 26.8.2016, p. 41	M, N, O (e);
-----	---	---	----------------------------	--------------

(d) ir-ringiela għar-Regolament Nru 39 hija sostitwita b'dan li ġej:

"39	Tagħmir tal-ispidometru inkluż l-installazzjoni tiegħu	Is-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 01	ĠU L 302, 28.11.2018, p. 106.	M, N";
-----	--	---	-------------------------------	--------

(e) ir-ringiela għar-Regolament Nru 44 hija sostitwita b'dan li ġej:

"44	Apparat ta' trażżin għal okkupanti tfal ta' vetturi motorizzati ("sistema ta' trażżin għat-tfal")	Is-suppliment 10 tas-serje ta' emendi 04	ĠU L 265, 30.9.2016, p. 1	M, N (h);
-----	---	--	---------------------------	-----------

(f) ir-ringiela għar-Regolament Nru 48 hija sostitwita b'dan li ġej:

"48	Installazzjoni ta' apparat ta' tidwil u ta' apparat għas-sinjalar bid-dawl fuq vetturi bil-mutur	Is-suppliment 10 tas-serje ta' emendi 06	ĠU L 14, 16.1.2019, p. 42.	M, N, O";
-----	--	--	----------------------------	-----------

(g) ir-ringiela għar-Regolament Nru 58 hija sostitwita b'dan li ġej:

"58	Apparat ta' protezzjoni ta' wara kontra l-underrun (RUPDs) u l-installazzjoni tiegħu; Protezzjoni ta' wara kontra l-underrun (RUP)	Serje ta' emendi 03	ĠU L 49, 20.2.2019, p. 1.	M, N, O";
-----	--	---------------------	---------------------------	-----------

(h) ir-ringiela għar-Regolament Nru 67 hija sostitwita b'dan li ġej:

"67	Vetturi bil-mutur li jużaw l-LPG	Is-suppliment 14 tas-serje ta' emendi 01	ĠU L 285, 20.10.2016, p. 1	M, N";
-----	----------------------------------	--	----------------------------	--------

(i) ir-ringiela għar-Regolament Nru 79 hija sostitwita b'dan li ġej:

"79	Tagħmir tal-istering	Serje ta' emendi 03	ĠU L 318, 14.12.2018, p. 1.	M, N, O";
-----	----------------------	---------------------	-----------------------------	-----------

(j) ir-ringiela għar-Regolament Nru 94 hija sostitwita b'dan li ġej:

"94	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta frontali	Serje ta' emendi 03	ĠU L 35, 8.2.2018, p. 1	M <sub>1</sub> ”;
-----	--	---------------------	-------------------------	-------------------

(k) ir-ringiela għar-Regolament Nru 100 hija sostitwita b'dan li ġej:

"100	Sikurezza elettrika	Is-suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02	ĠU L 302, 28.11.2018, p. 114.	M, N”;
------	---------------------	---	-------------------------------	--------

(l) ir-ringiela għar-Regolament Nru 107 hija sostitwita b'dan li ġej:

"107	Vetturi M <sub>2</sub> u M <sub>3</sub>	Is-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 07	ĠU L 52, 23.2.2018, p. 1	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> ”;
------	---	---	--------------------------	------------------------------------

(m) ir-ringiela għar-Regolament Nru 117 hija sostitwita b'dan li ġej:

"117	Tajers fir-rigward ta' emissjonijiet tal-ħsejjes tad-dawrien, adeżjoni fuq uċuħ imxarrba u reżistenza għad-dawrien (Klassijiet C1, C2 u C3)	Is-suppliment 8 tas-serje ta' emendi 02	ĠU L 218, 12.8.2016, p. 1	M, N, O”;
------	---	---	---------------------------	-----------

(n) ir-ringiela għar-Regolament Nru 119 hija sostitwita b'dan li ġej:

"119	Fanali għall-kantunieri	Is-suppliment 3 tas-serje ta' emendi 01	ĠU L 89, 25.3.2014, p. 101	M, N (ⁱ)”;
------	-------------------------	---	----------------------------	------------

(o) ir-ringiela għar-Regolament Nru 123 hija sostitwita b'dan li ġej:

"123	Sistemi adattivi tat-tidwil ta' quddiem (AFS)	Is-suppliment 9 tas-serje ta' emendi 01	ĠU L 49, 20.2.2019, p. 24.	M, N”;
------	---	---	----------------------------	--------

(p) ir-ringiela għar-Regolament Nru 125 hija sostitwita b'dan li ġej:

"125	Erja tal-viżjoni ta' quddiem	Is-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 01	ĠU L 20, 25.1.2018, p. 16	M <sub>1</sub> ”;
------	------------------------------	---	---------------------------	-------------------

(q) ir-ringiela għar-Regolament Nru 128 hija sostitwita b'dan li ġej:

"128	Sorsi ta' dawl b'dijodi li jemmettu d-dawl (LED)	Suppliment 6 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 320, 17.12.2018, p. 63.	M, N, O”;
------	--	--	------------------------------	-----------

(r) jiżdiedu r-ringieli ġodda 140 u 141 li ġejjin:

"140	Kontroll tal-istabbiltà	Suppliment 2 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 269, 26.10.2018, p. 17.	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
141	Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS)	Il-verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 269, 26.10.2018, p. 36.	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub> (ⁱ)”;

(2) in-nota (b) tat-tabella tinbidel b'dan li ġej:

“(b) L-immuntar ta' sistema elettronika tal-kontroll tal-istabbiltà huwa meħtieġ skont l-Artikolu 12(1) u 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.”

(3) in-nota (c) tat-tabella tinbidel b'dan li ġej:

“(c) L-immuntar ta' sistema elettronika tal-kontroll tal-istabbiltà huwa meħtieġ skont l-Artikolu 12(1) u 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.”

(4) in-nota (f) tat-tabella tinbidel b'dan li ġej:

“(f) Fejn il-manifattur tal-vetturi jiddikjara li vettura hija xierqa għall-irmonkar tat-tagħbija (il-punt 2.11.5 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE), u kwalunkwe parti minn tagħmir ta' gġanċjar mekkaniku xieraq, tkunx installata jew le mat-tip ta' vettura motorizzata, tista' tostor (parzjalment) kwalunkwe komponent tad-dawl u/jew l-ispazju għall-armor u t-tiswija tal-panċa ta' reġistrazzjoni ta' wara, għandu japplika dan li ġej:

- l-istruzzjonijiet għall-utent tal-vettura motorizzata (eż. il-manwal, il-ktejjeb tal-vettura) għandhom jispeċifikaw biċ-ċar li mhijiex permessa l-installazzjoni ta' tagħmir ta' gġanċjar mekkaniku li ma jistax jinqala' jew jinbidillu postu faċilment;
- l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw biċ-ċar ukoll li tagħmir ta' gġanċjar mekkaniku, meta jkun imwaħħal, għandu dejjem jitneħħa jew jinbidillu postu meta ma jkunx qiegħed jintuża; u
- fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema ta' vettura skont ir-Regolament tan-NU 55, għandha tiġi żgurata l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija, il-bdil tal-post u/jew it-tqegħid f'pożizzjoni alternattiva, fir-rigward tal-installazzjoni tad-dawl u l-ispazju għall-armor u t-twaħħil tal-panċa ta' reġistrazzjoni ta' wara.”

(5) tiżdied in-nota (h) li ġejja tat-tabella:

“(h) Approvazzjoni Universali Internazzjonali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa maħruġa skont ir-Regolament tan-NU Nru 0 (ĠU L 135, 31.5.2018, p. 1) li tinkludi l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tan-NU rispettivi fit-tabella li jirreferu għal din in-nota, għandha titqies bħala ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija skont dan ir-Regolament.”

(6) tiżdied in-nota (i) li ġejja tat-tabella:

“(i) Is-sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers għal vetturi M1 tapplika fuq bażi obligatorja skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Ir-Regolament tan-NU Nru 141 japplika għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija M1 sa massa massima ta' 3 500 kg. Ir-Regolament tan-NU Nru 141 jista' japplika fuq bażi volontarja għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija N1 li ma jkunux mġammra b'roti doppji fuq il-fus”.

—

## ANNEX II

Id-Direttiva 2007/46/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness I jiddaħħlu l-punti 12.9, 12.9.1 u 12.9.2 ġodda li ġejjin:

“12.9. Sistema Akustika ta’ Twissija tal-Vettura (AVAS)

12.9.1. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip ta’ tip ta’ vettura fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħha skont ir-Regolament tan-NU Nru 138 (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33).

12.9.2. Ir-referenza sħiħa tar-riżultati tat-test tal-livelli tal-emissjonijiet tal-ħoss tal-AVAS, imkejla skont ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

(\* Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar il-livell ta’ ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlensur, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).”;

(2) fit-Taqsima A tal-Parti I tal-Anness III jiddaħħlu l-punti 12.9, 12.9.1 u 12.9.2 ġodda li ġejjin:

“12.9. Sistema Akustika ta’ Twissija tal-Vettura (AVAS)

12.9.1. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip ta’ tip ta’ vettura fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħha skont ir-Regolament tan-NU Nru 138.

12.9.2. Ir-referenza sħiħa tar-riżultati tat-test tal-livelli tal-emissjonijiet tal-ħoss tal-AVAS, imkejla skont ir-Regolament (UE) Nru 540/2014.”;

(3) fl-Anness IV, il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu taħt it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Fejn issir referenza għal Direttiva separata jew għal Regolament separat fit-tabella tal-Parti I, Approvazzjoni Universali Internazzjonali tat-Tip ta’ Vettura Sħiħa maħruġa skont ir-Regolament tan-NU Nru 0 (\*) li tinkludi l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti li ġejjin tan-NU jew approvazzjoni maħruġa skont ir-Regolamenti tan-NU li ġejjin li l-Unjoni aderixxiet għalihom bħala Parti Kontraenti għall-‘Ftehim Rivedut tal-1958’ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE (\*\*), jew ta’ deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill kif imsemmija fl-Artikolu 3(3) ta’ dik id-Deċiżjoni, għandha titqies bħala ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija skont id-Direttiva separata jew ir-Regolament separat rilevanti.

(\*) ĠU L 135, 31.5.2018, p. 1.

(\*\*) ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.”;

(b) it-tabella hija sostitwita b’dan li ġej:

	“Suġġett	Regolamenti tan-NU	Serje ta’ emendi	
1 (a)	Livell permissibbli ta’ ħoss	51	02	
		59	01	
1a	Livell permissibbli ta’ ħoss (ma jkoprix l-AVAS u s-sajlensur ta’ sostituzzjoni)	51	03	
		Sistema Akustika ta’ Twissija tal-Vettura (AVAS)	138	01
		Sistemi ta’ sajlensur ta’ sostituzzjoni	59	02
58	Protezzjoni tal-persuni bil-mixi (ma jkoprix l-assistenza fl-ibbrejtkjar u s-sistemi ta’ protezzjoni frontali)	127	00	
		Sistema ta’ assistenza fl-ibbrejtkjar	139	00

	Suġġett	Regolamenti tan-NU	Serje ta' emendi
59 <sup>(b)</sup>	Riċiklabbiltà	133	00
62 <sup>(c)</sup>	Sistemi ta' ħżin tal-idroġenu	134	00
65	Sistemi avvanzati ta' bbrejkjar ta' emerġenza	131	01
66	Sistema ta' twissija ta' ħruġ mill-karreġġata	130	00

N.B.: Rekwiżiti ta' installazzjoni li jinsabu f'direttiva separata jew f'regolament separat għandhom japplikaw ukoll għal komponenti u għal unitajiet tekniċi separati approvati skont ir-Regolamenti tan-NU.

<sup>(a)</sup> In-numerazzjoni tal-entrati f'din it-tabella tirreferi għan-numerazzjoni użata fit-tabella tal-Parti I.

<sup>(b)</sup> Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2005/64/KE.

<sup>(c)</sup> L-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi ta' ħżin tal-idroġenu u l-apparati kollha tal-għeluq (kull komponent speċifiku) hija obbligatorja u ma tkoprix il-kwalifiki materjali tal-komponenti kollha koperti mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”.